

Brussell, 14 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5071/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0254(COD)**

**AGRI 4
AGRIFIN 3
AGRIORG 3
AGRISTR 1
CODEC 6**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Nru dok. Cion:	13643/19 + ADD1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021 <i>- Tħejija tad-dibattitu tal-Kunsill</i>

1. Fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Regolament li jstabbilixxi dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ tal-FAEŻR u l-FAEG fl-2021, abbażi tal-Artikoli 43(2) u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
2. L-għan ġenerali ta' din il-proposta huwa li tiżgura l-kontinwità tal-appoġġ tal-PAK għall-bdiewa u benefiċjarji oħra fl-2021, peress li huwa ċar mis-sitwazzjoni attwali tar-riforma tal-PAK u n-negozjati dwar il-QFP li l-Pjanijiet Strateġiċi l-ġodda mhux ser ikunu jistgħu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għal dak il-għan, l-erba' regolamenti bażiċi tal-PAK huma emendati (1305/2013, 1306/2013, 1307/2013 u 1308/2013), kif ukoll ir-Regolamenti 228/2013 (miżuri speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi) u 229/2013 (miżuri speċifiċi għall-gżejjer minuri tal-Eġew).

3. Il-proposta ġiet ippreżentata lid-delegazzjonijiet fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura (KSA) fil-5 ta' Novembru 2019 u fil-Kunsill Agricoltura u Sajd (AGRIFISH) fit-18 ta' Novembru 2019. L-esperti nazzjonali bdew ukoll l-eżami tekniku tiegħu, bil-Gruppi ta' Ħidma li ser isiru fis-6 ta' Novembru, fit-13 ta' Novembru u fil-5 ta' Diċembru 2019.
4. Mid-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq irriżulta li l-Istati Membri ġeneralment jilqgħu l-proposta, sabiex jipprovdu sigurtà legali u finanzjarja għall-bdiewa u benefiċjarji oħra fl-2021. Il-proposta ma tinvolvix żviluppi ta' politika ġodda ewlenin meta mqabbla mar-regoli attwali. Il-proposta testendi l-applikabilità tal-qafas legali eżistenti għas-sena 2021 u fiha adattamenti ta' ċerti regoli biex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel mill-perijodu attwali tal-PAK għal dak li jmiss. Madankollu, hemm bżonn ta' riflessjoni permezz ta' aktar diskussjonijiet dwar ċerti elementi tat-test, inkluż iżda mhux limitati għat-tul tal-perijodu tranżitorju, il-kondizzjonijiet għall-estensjoni tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali, it-tul tal-impenji agroambjentali u t-tkomplija ta' programmi operattivi ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet indikaw in-nuqqas ta' għajjuna nazzjonali tranżizzjonali fil-proposta, li jixtiequ li titkompla fl-2021 tal-inqas fil-livell tal-2020. Peress li, għall-kuntrarju tar-riforma tal-PAK, il-kontenut tal-proposta jista' jiġi diskuss indipendentement miċ-ċifri, il-Presidenza Kroata ser tqiegħed iċ-ċifri kollha bejn parentesi kwadri u taġġornahom ladarba jintlaħaq qbil dwar il-QFP.
5. Fid-dawl tal-istat attwali tad-diskussjoni ta' din il-proposta, il-Presidenza temmen li l-Kunsill AGRIFISH ta' Jannar jikkostitwixxi mument adatt għall-Ministri biex ikollhom skambju ta' fehmiet dwaru. Il-fehmiet espressi waqt id-dibattitu tal-Kunsill ser jikkostitwixxu gwida importanti għall-ħidma matul il-Presidenza Kroata fil-korpi preparatorji tal-Kunsill. Il-Presidenza għandha l-għan li tilħaq approċċ ġenerali parzjali, jew approċċ ġenerali jekk ikun hemm qbil dwar il-QFP, fil-Kunsill AGRIFISH ta' Marzu 2020, u wara jinbdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew mill-aktar fis possibbli.
6. Bi tnejn għall-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill, fil-laqgħa tal-KSA tal-20 ta' Jannar il-Presidenza ser tistieden lid-delegazzjonijiet biex jikkumentaw dwar il-mistoqsijiet proposti.

7. Fil-Kunsill AGRIFISH tas-27 ta' Jannar 2020, il-Ministri ser jiġu mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom abbażi ta' dawn il-mistoqsijiet.

Mistoqsijiet għall-Ministri

⇒ Taqbel li għandna nimmiraw li naslu għal approċċ ġenerali parzjali mill-aktar fis possibbli, indipendentement miċ-ċifri tal-QFP, bil-ħsieb tal-adozzjoni f'waqtha tar-Regolament Tranżizzjonali?

⇒ Taqbel li l-proposta ma għandhiex tinvolve elementi ewlenin ġodda meta mqabbla mar-regoli attwali?